# IN-NURSING SCHOOL COMMITMENT

## NURSES CLIMATE CHALLENGE EUROPE

L-infermiera għandhom ikunu mħejjija tajjeb biex jieħdu ħsieb il-pazjenti fil-kuntest tat-tibdil fil-klima. L-infermiera għandhom jifhmu wkoll x'azzjonijiet jistgħu jieħdu, huma u l-organizzazzjonijiet tagħhom, biex itaffu l-impatt tat-tibdil fil-klima u biex tissaħħaħ ir-reżiljenza għal dan l-impatt. Importanti li tkun rikonoxxuta wkoll ir-rabta reċiproka u interkonnessa bejn il-bniedem u d-dinja naturali u li tiġi esplorata l-kapaċità tad-dinja naturali biex tgħin l-irkupru, il-benesseri u l-promozzjoni tas-saħħa.

In-Nurses Climate Challenge Europe hi kampanja pprovduta mill-Health Care Without Harm (HCWH) Europe li tipprovdi riżorsi biex l-infermiera jedukaw lil professjonisti oħra fil-qasam tas-saħħa, studenti, komunitajiet, residenti fid-djar tal-anzjani, pazjenti u lil min juża s-servizzi tagħhom madwar l-Ewropa dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq is-saħħa u l-impatt tas-settur tas-saħħa fuq it-tibdil fil-klima u l-ambjent.

In-Nursing School Commitment hi opportunità għall-involviment proattiv tal-istudenti infermiera f'kull livell f'dan il-moviment biex jiġi inkoraġġit il-ħarsien ambjentali.

### IN-NURSES CLIMATE CHALLENGE EUROPE TIPPROVDI:

- Riżorsi bbażati fuq l-evidenza u magħżula bi ħsieb biex jappoġġjaw lill-infermiera li jridu jifhmu aħjar ix-xjenza tal-klima u kif it-tibdil fil-klima jaffettwa s-saħħa u l-benesseri.
- Riżorsi biex l-infermiera jkunu jistgħu jedukaw lill-kollegi u lill-istudenti dwar it-tibdil fil-klima u l-effetti tagħha fuq is-saħħa, fosthom preżentazzjonijiet b'punti ta' diskussjoni, riżorsi u referenzi.
- Bosta riżorsi interattivi li jippromwovu sistemi tal-ħarsien tas-saħħa li jirrispettaw il-klima fil-faċilitajiet tas-saħħa, fil-komunità, fil-midja soċjali, u fost min ifassal il-politika.
- Riżorsi u linji gwida li jgħinu lill-infermiera jintegraw sistemi ta' ħarsien tas-saħħa li jirrispettaw il-klima fil-prattika ta' kuljum.
- Eżempji ta' proġetti u inizjattivi, implimenatati b'suċċess minn infermiera, li jindirizzaw l-impatt

Nurses
Climate Challenge
EUROPE



tat-tibdil fil-klima fuq is-saħħa, il-migrazzjoni minħabba l-klima, jew li jsaħħu r-reżiljenza.

- Lista ta' riżorsi esterni għal min irid jaqra u jitgħallem iktar.
- Riżorsi edukattivi biex jgħinu lill-infermiera jifhmu l-impatt tas-servizzi tas-saħħa fuq it-tibdil tal-klima.

## BIS-SĦUBIJA FIN-NURSING SCHOOL COMMITMENT, L-ISKOLA TAL-INFERMIERA TIKKOMMETTI RUĦHA LI:

- Tintegra t-tibdil fil-klima u s-saħħa pjanetari fil-korsijiet teoretiċi, vokazzjonali, ta' qabel u ta' wara l-kwalifika, inklużi korsijiet tad-dottorat u ta' tagħlim matul il-ħajja, fejn hu applikabbli u possibbli.
- Tinkoraġġixxi l-ħarsien ambjentali fl-ambjent kliniku u fil-laboratorji.
- Tinkoraġġixxi t-trasferibilità tal-kompetenzi marbuta mas-sostenibilità fil-prattika u l-inklużjoni tat-tibdil fil-klima, is-saħħa u l-promozzjoni tas-saħħa fit-tagħlim kliniku, fejn ikun xieraq.
- Tinkludi t-tibdil tal-klima, l-impatt tagħha fuq is-saħħa, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, il-migrazzjoni marbuta mat-tibdil fil-klima u r-reżiljenza fl-assessjar tal-istudenti fejn ikun xieraq.
- Tippromwovi b'mod attiv l-inklużjoni tat-tibdil tal-klima, l-impatt tagħha fuq is-saħħa u s-saħħa planetarja fil-kurrikuli jew sillabi informalmalment u, jekk ikun possibbli, formalment.
- Tippromwovi b'mod attiv l-inklużjoni tal-impatt tal-ħarsien tas-saħħa fuq l-ambjent fil-kurrikuli jew sillabi.
- Tuża u taqsam ir-riżorsi pprovduti min-Nurses Climate Challenge Europe u n-NurSusTOOLKIT fil-korsijiet, lezzjonijiet minn mistiedna u preżentazzjonijiet. Dawn jistgħu jiġu adottati u adattati fil-kurrikuli jew sillabi kif meħtieġ.
- Tirrapporta n-numru ta' studenti li jkunu ġew edukati dwar it-tibdil fil-klima u l-impatt tagħha fuq is-saħħa permezz tal-activity tracker tan-Nurses Climate Challenge Europe wara kull sessjoni edukattiva.
- Tinkoraġġixxi iktar riċerka fuq is-sostenibilità u t-tibdil tal-klima fil-qasam tas-saħħa u tirrapporta n-numru ta' prodotti tar-riċerka, jekk ikun applikabbli.
- Tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' taqsima studju elettiva dwar in-Nurses Climate Challenge u, fejn ikun applikabbli, tħalli lill-istudenti jagħżlu din it-taqsima studju biex jiżviluppaw għarfien iktar profond dwar it-tibdil fil-klima u s-saħħa planetarja. Dan jista' jinkludi esperjenzi kliniċi f'setturi li jiffukaw fuq is-sostenibilità.
- Tinkludi aspetti marbuta mal-klima fi-xogħol komunitarju tal-iskola tal-infermiera fejn ikun applikabbli.
- Tippromwovi n-Nurses Climate Challenge Europe fost studenti-infermiera f'korsijiet vokazzjonali, undergraduate, postgraduate, u tad-dottorat, kif ukoll fost l-akkademiċi.
- Tippromwovi n-Nursing School Commitment fost skejjel oħra tal-infermiera u individwi jew organizzazzjonijiet involuti fl-edukazzjoni infermeristika.

## IN-NURSES CLIMATE CHALLENGE EUROPE TAQBEL LI:

- Turi pubblikament l-ismijiet u l-logos tal-iskejjel tal-infermiera li qed jieħdu sehem fuq is-sit tan-Nurses Climate Challenge Europe.
- Ixxerred fuq il-mezzi soċjali inizjattivi eżemplari u eċċezzjonali minn skejjel tal-infermiera fuq l-edukazzjoni dwar il-klima u s-saħħa
- Tipprovdi materjal promozzjonali lill-parteċipanti ħalli jkunu jistgħu jinvolvu ruħhom bis-sħiħ.
- Titfa' dawl fuq riċerka minn studenti u akkademiċi dwar is-saħħa planetarja, jew fuq il-klima u

s-saħħa fuq is-sit tan-Nurses Climate Challenge Europe.

- Tipprovdi rapport ta' tmiem is-semestru lill-parteċipanti li jindika l-għadd ta' studenti li ġew edukati u/jew reġistrati bħala Nurse Climate Champions fl-iskejjel tal-infermiera li qed jieħdu sehem.
- Tappoġġja lill-iskejjel tal-infermiera fl-iżvilupp ta' korsijiet jew taqsimiet studju online dwar it-tibdil fil-klima u l-impatti tagħha fuq is-saħħa.
- Tappoġġja lill-iskejjel tal-infermiera fl-implimentazzjoni annwali ta' korsijiet jew taqsimiet studju online dwar in-Nurses Climate Change għal studenti infermiera li jkunu interessati.
- Torganizza laqgħa annwali għall-iskejjel tal-infermiera kollha li qed jieħdu sehem.

## IN-NURSING SCHOOL COMMITMENT ĠIE ŻVILUPPAT FLIMKIEN MA':

- Pamela Gray and Terese Sjölund (Arcada University of Applied Sciences, Finland)
- Norma Huss and Petra Wihofszky (Hochschule Esslingen, Germany)
- Anna Kaltenbach, Corina Krohm, and Cornelia Mahler (Universität Tübingen, Germany)
- Danino Efrat, Moran Zerahia, and Elena Maoz (Shamir Nursing School, Israel)
- Maria Cassar, Josef Trapani, and Adrienne Grech (University of Malta, Malta)
- Kristin Kavli Adriansen and Bodil Bø (University of Stavanger, Norway)
- Isabel M López and Carmen Álvarez Nieto (Universidad Jaén, Spain)
- Victoria Morín Fraile, Cristina Font, and Angelina Gonzalez (University of Barcelona, Spain)
- Heather Baid and Alison Taylor (University of Brighton, UK)
- Jennie Aronsson and Sarah Howes (University of Plymouth, UK)

*In-Nurses Climate Challenge Europe tixtieq tirringrazzja lil kulħadd tal-impenn u l-kontribuzzjoni attiva fl-iżvilupp tan-Nursing School Commitment.*

The Nursing School Commitment was translated into Maltese thanks to the University of Malta

The Nurses Climate Challenge is delivered by Health Care Without Harm Europe

Health Care Without Harm

@HCWHEurope

HCWHEurope

Health Care Without Harm Europe

**eur.nursesclimatechallenge.org**
ncceurope@hcwh.org